MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tal-21 ta' Frar, 2011

Appell Kriminali Numru. 463/2010

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Francine Spiteri**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti (ID 250777(M)) quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli meta b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u jkunu gew magħmula b'risoluzzjoni waħda nhar l-4 ta' Ġunju, 2010, fit-8 ta' Ġunju, 2010, fit-12 ta' Ġunju, 2010, fis-16 ta' Ġunju, 2010 u fis-26 ta' Gunju, 2010, meta hekk ordnata mill-Qorti jew marbuta bil-kuntratt biex tagħti aċċess lil Sandro Spiteri għal uliedhom, irrifjutat li tagħmel hekk mingħajr raġuni xierqa.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-25 ta' Ottubru, 2010, li biha, wara li rat l-artikoli 338(ll) u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta'

Malta, sabet lill-appellanti hatja w għaldaqstant ikkundannatha ġimgħa detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellanti Francine Spiteri [detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 250777 (M)] minnha ppreżentat fl-1 ta' Novembru, 2010, li bih talbet li din il-Qorti jogħġobha tħassar, tirrevoka w tikkanċella s-sentenza appellata w tillibera lill-appellanti mill-akkuzi kollha kif dedotti.

Fliet l-atti kollha proċesswali.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':-

1. Illi l-appellanti ġiet mixlija darbtejn dwar l-istess datt, u misjuba ħatja darbtejn għall-istess fatt, bi ksur tal-prinċipju *ne bis in idem;*

2. L-imputazzjoni dedotta fil-konfront tagħha ma ġietx suffiċjentement ippruvata;

3. *Dato ma non concesso* li hija kienet ħatja mir-reat addebitat lilha, l-piena nflitta mill-Ewwel Qorti kienet eċċessiva w timmerita li tiġi moderata.

Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż il-kopja tal-kuntratt ta' separazzjoni datat 6 ta' Novembru, 2007, l-ordni tal-Qorti tal-Appell Kriminali sabiex dan l-appell, jiġifieri 463/10, u l-appell l-ieħor 462/10 jinstemgħu flimkien (fol 46)[1] u s-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti tal-25 ta'Ottubru 2010 (fol 28).

[1] L-istess kien sar quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti. Fil-verbal tal-25 t'Ottubru, 2010, hemm dan li ġej: 'Xehed il-parte civile li ppreżenta kuntratt separatament bi qbil bejn il-partijiet li l-kawżi numru 28 u 35 jinstemgħu kontestwalment.' (fol 4) 462/10

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Ikkonsidrat.

**L-ewwel Aggravju – Ne Bis in Idem**

L-ewwelnett l-abbli difensur tal-appellanti ssottometta li wieħed mill-aggravji huwa l-ksur tal-prinċipju ta' ' ne bis in idem'. Dan sar minħabba li kemm fiċ-ċitazzjoni li kienet iġġib in-numru 35 fuq il-lista meta nstemgħet fl-Ewwel Qorti kif ukoll fiċ-ċitazzjoni li ġġib in-numru 28 fuq il-lista meta nstemgħet fl-Ewwel Qorti jissemma l-fatt ta' nuqqas ta' aċċess fis-16 ta' Ġunju 2010 għall-ħabta tas-06.00am waqt li fiċ-ċitazzjoni bin-numru 28 jissemma wkoll is-16 ta' Ġunju 2010. Minħabba li teżisti probabilita' li r-referenza kienet għall-istess fatt, il-Qorti, waqt li żammet id-data tas-16 ta' Ġunju 2010 fl-appell 462/10, f'dan il-każ qed tilqa' s-sottomissjoni tal-appellant dwar il-possibilita' ta' ne bis in idem. La diġa' qieset din id-data waqt l-appell l-ieħor ninħabba li biex ikollok każ li jkun jinstema' darbtejn,. tal-anqas irid ikun instema' u ġie deċiż darba oħra, f'dan l-appell mhix tqis aktar l-imputazzjoni dwar is-16 ta' Ġunju bħala valida u għaldaqstant, f'dan l-appell mhix ser tqis dak li ġie allegat li ġara fis-16 ta' Ġunju 2010 la fil-konsiderazzjonijiet u lanqas fil-konklużjoni tagħha.

**It-tieni aggravju – l-imputazzjoni ma kenitx suffċjentement ippruvata.**

L-appellant jissottometti li l-imputazzjoni ma kenitx suffiċjentement ippruvata. Huwa jissottometti li kellha ssir il-prova li l-persuna mċaħħda mill-aċċess kellha ġġib il-prova li kellha dan id-dritt.

Bir-rispett kollu dwar din is-sottomissjoni kien ippreżentat il-kuntratt ta' separazzjoni tas-6 ta' Novembru 2007 li fil-paragrafu viii jagħti d-detallji kollha ta' kif kellu jsir l-aċċess. Għalhekk il-prova li r-raġel tal-appellant kellu dritt għall-aċċess saret.

Il-Qorti semgħet iż-żewġ partijiet jixhdu fid-dettall. Fil-25 ta' Mejju 2010 Sandro Spiteri kien għarraf lil martu li kien

ser jibda josserva t-terminu tal-kuntratt skruplożament. Jirriżulta mill-atti li qabel il-konjuġi kienu qed ikunu flessibbili dwar l-aċċess iżda mid-data msemmija ir-raġel tal-appellant għarrafha li kollox kien ser jiġi lura għal kif jiddetta l-kuntratt. Dan fis-subparagrafi a) u b) tal-paragafu viii jipprovdi ċar x'ħin kien ser ikun l-aċċess meta r-raġel ikun jaħdem day duty u meta jkun jaħdem night duty. (fol 10). Li l-appellanti kienet taf li r-raġel tagħha ried jimxi mal-kuntratt jirriżulta mix-xhieda tagħha stess meta qalet 'Ried jimxi mal-kuntratt' (paġina 43).

Sandro Spiteri xehed li kien hemm diversi drabi meta l-appellanti ma ġabitx it-tfal u kien għalhekk li għamel diversi rapporti kif jirriżulta mill-affidavits. Il-Pulizija kienu jċemplulha iżda l-appellanti kienet tonqos milli ġġib it-tfal. Kien iċemple hu, tara l-ID ccaller tiegħu u ma tirrispondihx. Darba minnhom meta mar l-iskola ma sabhomx hemm allegatament għax it-tfal kienu morda iżda dawn setgħu joħorġu kif qallu l-istess tabib. Sandro Spiteri xehed ukoll li r-roster tiegħu kien ilu hekk għal 17-il sena.

Francine Spiteri (l-appellant) xehdet li kienu jirranġaw dwar l-aċċess tat-tfal. Imbagħad f'Mejju kien iddeċieda li r-raġel jieħu t-tfal u damet ġimgħa ma tarhom. Fl-aħħar Erbgħa ta' Mejju Sandro Spiteri kien ta xebgħa quddiem it-tfal. Wara dan il-każ kellha tibda tmur l-għassa bit-tfal. Hija tħassret lit-tfal (li għadhom ta' ħames snin). L-appellanti qalet ukoll li Sandro Spiteri qatt ma kien ħadhom fis-sittas ta' filgħodu. L-ewwel darba lanqas kienet taf li ħa jippikkjahom fis-6 ta' filgħodu u hi għamle kollox għall-interess tat-tfal. Xehdet ukoll li kull meta kellmithom mill-għassa dejjem dejjem wieġbet. (fol 47).

Ikkonsidrat

Li mill-atti jirriżulta li kien hemm kuntratt li jirregola l-ħinijiet tal-aċċess minn żewġ l-appellanti għat-tfal u li l-appellanti naqset milli taderixxi mat-termini tal-kuntratt. Huwa veru li l-konjuġi kienu ftehmu li jkunu flessibbli dwar l-aċċess iżda ġaladarba l-appellanti kienet avżata li r-raġel tagħha kien għamilha ċara li ser jimxi mal-kuntratt, hi kellha timxi mal-

obbligazzjoni maħluqa fil-kuntratt.  Il-Qorti mhix persważa li kollox sar fl-interess tat-tfal bħalma xehdet l-appellant. Jekk it-tfal illum għandhom 5 snin, meta sar il-kuntratt (fis-6 ta' Novembru 2007) it-tfal kienu għadhom ta' sentejn.  Madanakollu l-appellant xorta iffirmat għal tali kondizzjoni.  Dan ma kienx każ ta' darba għaliex l-appellanti baqgħet ma tikkoperax kull meta rnexxielhom jaqbduha l-Pulizija.

Għaldaqstant din il-Qorti qed taqbel mal-konklużjoni tal-Ewwel Qorti jiġifieri li l-appellant hija ħatja li, għal diversi, drabi kisret l-artikolu 338(ll) tal-Kap 9.

Dwar l-aggravju tal-piena, dan issa huwa t-tieni appell u jolqot **erba' dati** (ġaladarba l-Qorti qed tinjora d-data tas-16 ta' Ġunju 2010 għal raġuni miġjuba aktar 'il fuq).   Il-Qorti ma qed tara ebda raġuni impellenti biex tibdel il-piena erogata mill-Ewwel Onorabbli Qorti stante li din kienet u tibqa' fil-parametri tal-Liġi..

**Konklużjoni**

Għalhekk il-Qorti qed tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti (numerata 35) fil-25 t'Ottubru 2010 fl-ismijiet premessi kemm fis-sejbien ta' ħtija kif ukoll fil-piena erogata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------